KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Wiehed u Sebghin (71)***

***It-Tlieta, 17 ta' Lulju, 2017***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH
IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-5.45pm***

**71.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

71.1.1 Ma tressqu l-ebda ittri ta' apologiji

**71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

71.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 70 li nzammet nhar it-Tlieta 13 ta' Gunju 2017.

71.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 70 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

71.2.3 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li iktar tard matul il-laqgha se tattendi rapprezentanta ta' St Philip Pharmacy, biex inkompli niddiskutu maghha it-talba biex tixtri l-garaxx tal-Kunsill. Rigward it-talba ghall-garaxxijiet ta' Triq ir-Rebbiegha, il-Kunsill qabel li ghandu jitlob ghal-laqgha mas-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis sabiex niddiskutu din it-talba u punti ohra importanti tal-Kunsill.

71.2.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 70. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 70 gew approvati unanimament.

**71.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 71/2017 – Lulju 2017***

71.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 71-2017 biċ-ċekkijiet numru 5694 sa 5735 li tammonta €41,747.22

*F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda l-Kunsillier Keith Fenech*

71.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li inxtara vann *Toyota Ace* ghall-prezz €8,200 fejn sar *agreement* li jithallas b'*installments* u jithallas sa Ottubru 2019.

71.3.3 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tal-ammont ta' €41,747.22
Proponent: il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: il-Kunsillier Rose Agius

71.3.4 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 71-2017 ġiet approvata unanimament.

**<u>71.4 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2015</u>**

*F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro.*

71.4.1 L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Laurence Manicaro ta deskrizzjoni dettaljata tar-Rapport tal-Financial Statements 2015 wara li sar l-awditjar.

71.4.2 Wara l-ispjegazzjoni tal-Accountant, is-Sindku Darren Abela ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-*Audited Financial Statements 2015*.

71.4.3 L-*audited Financial Statements 2015* gew approvati unanimament.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha l-Accountant tal-Kunsill hareg mill-kamra.*

**71.5 <u>Aggudikazzjoni tat-Tender GHLC/T/02/2017: Supply of Material for Pavements in St. Mary Street, Ghaxaq</u>**

71.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat fuq il-mejda tal-Kunsill *Evaluation Report* fejn jindika li ghal dan it-tender kien hemm biss offerta wahda minghand Schembri Barbros ghas-somma ta' €13,913.50

71.5.2 Is-Sindku Darren Abela informa li dan ix-xoghol li kien se jsir minn haddiema ta-Gvern kien pjanat li jsir qabel Gunju 2017 izda minhabba xi tibdiliet, dan ix-xoghol mhux se jsir ghalissa.

71.5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ghalkemm dan ix-xoghol mhux se jinghata ghalissa, issugeriet li xorta t-tender jigi aggudikat u l-kuntrattur ikun infurmat li x-xoghol se jigi ordnat meta jkollna konferma li se ninghataw haddiema biex jaghmlu x-xoghlijiet. Dwar dan il-Kunsill qabel.

71.5.4 Ghaldaqstant is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni ta' l-offerta ta' Schembri Barbros ghall-prezz ta' €13,913.50.
Proponent: Keith Fenech
Sekondant: Rose Agius

71.5.5 Dwar l-offerta imsemmija f'71.5.4 kien hemm qbil unanimu.

**71.6 <u>Aggudikazzjoni tat-Tender GHLC/T/03/2017: Street Sweeping</u>**

71.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv tat rendikont tal-offerti li kienu mitfugha, hekk kif imnizzlin hawn taht:-

| **1** | **Ronald Bezzina** | **Premier** | **Progressive Solutions** | **Sandro Caruana** | **Waste Collection Ltd** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Financial** | 73,512 | 69,300 | 86,748.48 | 99,600 | 86748.48 |
| **Min.Cost of Workers** | 82,617.60 | 82,617.60 | 82,617.60 | 82,617.60 | 82,617.60 |
| **Less 5% Mgmt Fee** | 3,675.60 | 3,465 | 4,337.42 | 4,980 | 4,337.40 |
| **Remaining Profit from Contract** | -12,781.20 | -16,782.60 | -206.54 | 12,002.40 | -206.54 |
| **Overall Financial** | **Fail** | **Fail** | **Fail** | **Profit** | **Fail** |
| **Ranking** | **4** | **3** | **6** | **8** | **6** |
| | | | | | |

| **2** | **Elton John Zammit** | **Christian Abela** | **Alexander Fenech** | **Philip ta' Nard** |
|---|---|---|---|---|
| **Financial** | 62,847 | 43,200 | 94,755 | 73,740 |
| **Min.Cost of Workers** | 82,617.60 | 82,617.60 | 82,617.60 | 82,617.60 |
| **Less 5% Mgmt Fee** | 3,142.35 | 2,160 | 4,737.75 | 3,687 |
| **Remaining Profit from Contract** | -22,912.95 | -41,577.60 | 7,399.65 | -12,564.60 |
| **Overall Financial** | **Fail** | **Fail** | **Profit** | **Fail** |
| **Ranking** | **2** | **1** | **7** | **5** |
| | | | | |

71.6.2 Wara diskussjoni dwar l-offerti mitfugha, is-Sindku Darren Abela ippropona li mill-offerta mitfugha ghandha titnaqqas l-ispiza tal-haddiema skond id-dikjarazzjoni pprezentata fit-tender tal-*Minimum Cost of Workers*. Ghaldaqstant it-tenders eligibbli biss ghandhom ikunu, Progressive Solutions, Waste Collection Ltd, Alexander Fenech u

Sandro Caruana. L-offerti l-ohra ghandhom jigu skwalifikati. Ittiehed vot favur din il-proposta bir-rizultat;

Favur: 1 (Darren Abela)
Kontra: 4 (Emanuel Vassallo, Rose Agius, Keith Fenech u Miriam Schembri)

71.6.3 Il-Kunsillier Keith Fenech propona li skond id-dikjarazzjoni li saret fit-tender, l-offerta tas-Sur Christian Abela hija wisq baxxa u ghaldaqstant ghandha titqies bhala *abnormally low.* Ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jmur fuq it-tieni offerta l-iktar vantaggjuza, dik tas-Sur Elton John Zammit. F'kaz li is-Sur Zammit ma jonorax it-tender skond kif mitlub, l-applikant ghandu jitwaqqa u l-Kunsill imur fuq it-tielet offerta vantaggjuza. Dwar din il-proposta ittiehed vot, bir-rizultat;

Favur: 4 (Emanuel Vassallo, Rose Agius, Keith Fenech u Miriam Schembri
Kontra: 1 (Darren Abela)

71.6.4 MinkejjA li vvota favur din il-proposta, il-Vici Sindku Emanuel Vassallo sostna li t-tender ghandha titwaqqa u terga tohrog ohra fejn ma jkunx hemm indikat li l-haddiema jridu jkunu *full-timers.*

*F'dan l-istadju, fil-laqgha tal-Kunsill attendiet rapprezentanta tas-St. Philips Pharmacy.*

Wara diskussjoni dwar il-proposti, il-Kunsill qabel li ghandu jqabbad perit biex jistma il-garaxx tal-Kunsill. Sadanittant, il-Kunsill ftiehem mar-Rapprezentanta sabiex is-St. Philips Pharmacy jhallsu l-kera tal-Kunsill sabiex jikri garaxx sakemm, f'perjodu ta' 5 snin massimu, il-Kunsill ikun jista' jixtri garaxx. Ir-Rapprezentanta tas-St.Philip Pharmacy qalet li hemm garaxx ghal kiri fi Triq Dun Marcell Mallia. Dwar dan il-kontenut il-Kunsill qabel unanimament .

*F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Vici Sindku Emanuel Vassallo talab li jkun skuzat.*

**71.7 <u>Inizzjattiva Finanzjarja: Ghoti mill-gdid ta' tarmac – Regjun Nofsinhar</u>**

71.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li hemm skema mir-Regjun Nofsinhar fejn hemm fond ta' €100K, fejn kull Kunsill fir-Regjun jista japplika ghalihom u jibghat ammont ta' dokumenti sal-21 ta' Lulju 2017.

71.7.2 Rigward l-proposta li saret qabel l-elezzjoni dwar it-toroq fejn ser jigu asfaltati mill-gvern, il-Kunsillier Keith Fenech sostna li il-Kunsill ghandu jinghata informazzjoni dwar liema toroq se jsiru mill-gvern biex il-Kunsill ikun f pozizzjoni li jaghmel programm ta' xoghlijiet.

71.7.3 Rigward l-iskema tar-Regjun, is-Sindku Darren Abela ippropona li tinghazel Triq il-Gardell. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-membri prezenti.

**71.8 Monument tal-Annimali**

71.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li fejn gej il-monument tal-annimali, twahhlu erbgha fanali min-naha tal-*Works Division*. Il-Kunsill intalab biex jaghmel STL tal-fanali izda ghandu bzonn certifikazzjoni ta' *engineer* professjonali li jiccertifika ix-xoghlijiet.

71.8.2 Gejna nfurmati li l-*works division* ghandhom xi problemi mal-inginier taghhom u ghaldaqstant talbu biex il-Kunsill ihallas l-ispejjez tal-inginier li jammontaw vicin il-€120. Il-Kunsill qabel li jhallas din l-ispiza.

**71.9 Permess ghall-tpoggija ta' Tower Crane fi Triq il-Wilga**

71.9.1 Tressqet talba sabiex jitpogga crane fi Triq il-Wilga u s-Segretarju Ezekuttiv pprezentat id-dokumenti kollha relatati.

71.9.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jinhareg il-permess biss jekk l-applikant igib *no objection letter* minghand ir-resident ta' quddiem il-plot tieghu, kif ukoll dawk ta' magenbu.

71.9.3 Wara ghandu jinhareg il-permess fejn l-applikant ghandu jhallas €15 ghal kull gurnata kif ukoll deposit sabiex ikopri xi hsarat li jista jikkaguna.

**71.10 Permessi tal-Gabbani fil-Festi tar-Rahal**

71.10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fethet id-diskussjoni dwar din il-materja, fejn staqsiet jekk kienx hemm ilmenti dwar skart li thalla mill-gabbani fil-festa ta' San Guzepp. Is-Sindku Darren Abela ikkonferma li ma kienx hemm ilmenti ghaldaqstant id-deposit ghandu jinghata lura.

71.10.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat ukoll pjanta dwar l-eghluq tat-toroq fil-Festi biex ma tinholoqx konfuzjoni minhabba li jkun hemm hafna toroq maghluqin. Il-Kunsill qabel li ghandha tinbaghat korrispondenza lil kull resident li joqghod fl-inhawi u tinghata kopja tal-pjanta ukoll lill-kazini meta johorgu l-permessi tal-pulizija.

**71.11 Korrispondenza**

71.11.1 Tressqet korrispondenza rigward il-*European Week for Waste Reduction* organizzata mill-Wasteserv. Ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv stiednet lill-membri tal-Kunsill sabiex iressqu xi ideat innovattivi dwar riciklagg fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

71.11.2 Tressqet korrispondenza rigward talba sabiex issir zebra crossing fi Vjal il-Labour. Din it-talba ma gietx milqugha.

71.11.3 Tressqet korrispondenza dwar ammont dovut mill-Kunsill Lokali fit-tender li kien sar fi Triq il-Milwa. Dan l-ammont huwa ta' trinek li saru fl-istess triq fejn nofs l-ammont ghandu jkoprih il-WSC, filwaqt li n-nofs l-iehor dovut mill-Kunsill Lokali. L-ispiza hija ta' €3660.34. Din il-korrispondenza giet mghoddija lill-Perit tal-Kunsill izda ghadha mhiex ikkonfermata mill-Perit. Il-Kunsill qabel li ghandu jhallas l-ammont indikat.

71.11.4 Tressqu diversi korrispondenzi dwar applikazzjonijiet tal-PA. Hadd mill-Kunsilliera ma kellu oggezzjoni.

71.11.5 Tressqet kwotazzjoni sabiex jinbidlu l-iskrivaniji tal-ufficcju tal-Kunsill. L-ispiza hija ta' €548 (€274 –il wahda). Il-Kunsill approva.

71.11.6 Tressqet korrispondenza rigward il-bring-in-site ta' Triq G.M Farrugia. Is-Sindku Darren Abela ppropona li jitnehhew il-bring-in-sites tal-lokal kollu minhabba l-ammont ta' skart li qed jiggeneraw. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li ghalkemm kien dejjem kontra li jitnehhew, jidher car li dawn iz-zoni qed ikun hemm irwejjah u hafna skart. Ghaldaqstant is-Sindku Darren Abela ppropona li jitnehhew, u dwar dan il-Kunsill qabel.

71.11.7 Tressqet korrispondenza dwar ipparkjar bl-addocc fil-bypass, fejn qed jintalbu li jsiru *cameras*. Il-Kunsill ma qabilx li ghandhom jitwahhlu *cameras* minhabba l-ispiza involuta u l-hin li trid biex tispezzjona l-*cameras* b'mod kontinwu.

**71.12 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

71.12.1 Is-Sindku Darren Abela ippropona li meta jkollna t-tender, jinghata l-konkos fejn il-post tan-nar ta' Santa Marija ghal Triq Ghar Dalam. Il-Kunsill qabel li tinghata l-konkos fejn l-ispiza ma taqbizx it-€3,000.

71.12.2 Is-Sindku Darren Abela gie nfurmat li ser issir applikazzjoni ghal kamra tan-nar ta' Hal Tarxien go Hal Ghaxaq. Il-Kunsill qabel li joggezzjona ghal dan l-izvilupp u jikteb lill-PA dwar dan.

71.12.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-ground tal-5-a-side jibda jinghalaq filghaxija, ghaldaqstant issugerixxa li nkellmu l-haddiem li jaghlaq il-lettrini sabiex jaghlaq ukoll il-ground. Is-Sindku issugerixxa ukoll li l-eghluq tal-ground fis-sajf ghandu jkun ghal habta tal-11:30pm.

71.12.4 Is-Sindku Darren Abela ssugerixxa li jinghata isem lil Sqaq fi Triq Santa Marija fejn ippropona li jissemma Sqaq il-Gilju. Dwar dan hadd mill-kunsilliera prezenti ma kellu oggezzjoni.

**71.13** **Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri**

71.13.1 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm bzonn qtugh ta' haxix madwar il-lokal kollu.

71.13.2 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet ukoll dwar laqgha tal-PA li attendiet f'isem il-Kunsill rigward is-sit Ta' Giarda. Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li d-decizjoni finali kienet li il-Kunsill ghandu jinghata l-pjanti kollha tas-sit fi zmien sitt xhur biex ikun jista jiehu pozizzjoni.

71.13.3 Il-Kunsilliera Miriam Schembri tkellmet dwar fitness classes li qed tipproponi li jsiru fis-sala tal-Kappillan. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**71.14** **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

71.14.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2017 fil-5:30pm

Il-Laqgha ntemmet fis-20:45pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |